MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2150/2000/1

**Andreana Spiteri**

**vs**

**Raymond Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta’ Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-5 ta’ Settembru 1987 fil-knisja parrokkjali ta’ l-Imsida, Dok “A”, minn dan iz-zwieg twieldu zewg minuri Tyron u Nickyle.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Illi l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg u ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghal att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien marbut ma’ kundizzjonijiet li tirreferi ghall-futur, hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess konvenut qatt ma seta’ jaghti kunsens b’mod liberu *stante* li qatt ma kien kapaci jaghti kunsens li taghti l-ligi u bhala konsegwenza ma kienx hemm dak l-element ta’ konsegwenza li u kif trid il-ligi u b’hekk il-kunsens kien vizzjat.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta’ Settembru 1987 null u bla effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-21 ta’ Marzu 2001 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi ghalkemm l-eccipjent jaqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien vizzjat, l-istess eccipjenti mhuwiex

responsabbli ghal dan in-nuqqas, u ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

2. B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut *a tergo* fol. 10 tal-process.

Rat il-verbali ta' l-14 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Claire Stafrace Zammit bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-20 ta' Novembru 2001; tal-15 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tal-15 t'Ottubru 2002; tal-21 ta' Mejju 2003; tas-17 ta' Gunju 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u Dr. Mark Busuttil ghall-attrici rrimetta ruhu ghar-rapport; u tal-15 t'Ottubru 2003 fejn Dr. Elaine Ellul ghall-konvenut irrimettiet ukoll ruhha ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti mill-**attrici** hareg illi l-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kellha biss hmistax-il (15) sena u konsegwentement damu gharajjes hames snin. Ovvjament l-attrici kienet ghadha tmur l-iskola meta hija saret taf lir-ragel taghha.

Illi mix-xhieda ta' l-attrici hareg car u gie ripetut konstantement mill-attrici illi hi ma kellhiex relazzjoni facli ma' ommha. Effettivament, l-attrici xehdet illi minhabba

din ir-relazzjoni turbolenti hi kienet tara lir-ragel taghha bhala *"a shoulder to cry on"* aktar milli bhala gharus.

Illi hi spjegat illi din ir-relazzjoni ma' ommha ma kenitx facli minhabba l-fatt illi bejnha u bejn ommha kien hemm *generation gap* u ghalhekk hi ma kenitx tifhem lil ommha u omma ma kenitx tifhem lilha. Din it-tensjoni kienet kostanti matul l-gherusija saz-zwieg taghha mal-konvenut. L-attrici spjegat ukoll illi minhabba dan il-fatt, il-hajja taghha fid-dar tal-familja kienet saret insopportabbi u ghalhekk hija riedet tfittex kemm jista' jkun li titlaq mill-aktar fis possibbli.

Illi l-attrici xehdet illi anke wara l-iskola, hija dejjem kienet tiltaqa' mal-konvenut biex kemm jista' jkun tmur id-dar l-aktar tard possibbli. A rigward ta' missier l-attrici, din qalet illi dan kien tip kwiet u ghalhekk dejjem kien izomm ma' ommha kull meta kienet tghid xi haga.

In kwantu tar-relazzjoni taghha mar-ragel taghha, l-attrici xehdet illi hi dejjem kienet tiftah qalbha mieghu u hu kien dejjem jisma'. Dan il-karattru tieghu kien joghgobha ghaliex kulma riedet hi kienet li jkollha lil xi hadd li tghid kollox mieghu. Hija ammettiet illi kienet tahseb ghall-futur taghha mar-ragel izda dan kien principarjament biex tfittex <u>titlaq mid-dar tal-familja mill-aktar fis possibbli.</u>

Illi l-attrici xehdet ukoll illi ghalkemm hi kellha zewgt itfal mar-ragel taghha, hi l-importanti li kellha dawn it-tfal indipendentement minn min kien ir-ragel. Dan ghaliex hija dejjem kienet xtaqet it-tfal. <u>Hija qalet ukoll illi hi qatt ma habbet lir-ragel taghha.</u>

Illi hija xehdet illi aktar ma kien jghaddi z-zmien fiz-zwieg taghha aktar kienet tirrealizza illi dan iz-zwieg kien zball ghaliex anke fil-mument meta huma zzewgu, hi ma kenitx thobbu lir-ragel taghha u ghaldaqstant hi qatt ma hassitha rrealizzata bhala mara mizzewga sija emozzjonalment kif ukoll fizikament. Sahansitra, hija xehdet illi bhala persuna <u>l-konvenut kien u ghadu jimbuttaha u meta nfirdu hija hadet ir-ruh.</u>

Illi matul iz-zwieg, l-attrici xehdet illi fizikament hija kienet tevitah kemm jista' jkun ghax din ma kenitx thobbu.

Illi fuq il-karattru tal-konvenut waqt iz-zwieg, l-attrici qalet illi zewgha kien egoist ghall-ahhar u qatt ma kien jaghmilha partecipi ta' l-affarijiet tieghu. Per ezempju hija semmiet illi ma kienx jghidilha fejn kien jahdem *part time*, huwa kien ihalli f'idejha kompletament in kwantu ghat-trobbija tat-tfal u ma tantx kien itiha flus ghall-familja.

Illi hija spjegat ukoll illi ghalkemm waqt l-gherusija kienet tqisu bhala *a shoulder to cry on*, dan ma kellux il-kapacita' li jsabbarha u jikkomunika maghha li hu effettivament kien qed jifhimha. Il-konvenut ma kienx tip ta' bniedem illi jesprimi l-hsibijiet tieghu u dan il-fatt kien jiffrustra lill-attrici bil-kbir.

Illi l-attrici kompliet tixhed illi l-konvenut zewgha qatt ma kien qalilha li kien ihobbha u hu qatt ma esprima kliem ta' mhabba a rigward taghha waqt iz-zwieg. Fil-fatt, l-attrici thoss illi r-ragel taghha qatt ma habbha verament.

Illi l-attrici qalet ukoll illi anke meta hi kienet issemmi lir-ragel taghha biex ikollhom it-tfal, dan ma tantx kien jinteressah u qisu kien argument zejjed ghalih. Hu qatt ma wera ruhu dispost li jkollu t-tfal u li kieku l-attrici ma qaghditx attenta biex tippjana sew l-affarijiet taghha, kienu ma kienx ikollhom tfal.

Illi l-attrici xehdet illi kieku hi ma ghafsitx l-affarijiet biex tizzewweg lir-ragel taghha, u dan minhabba s-sitwazzjoni kritika ma' ommha, li kieku r-ragel taghha ma kien jasal ghalxejn ghaliex il-preparattivi taz-zwieg hi ghamlithom u r-ragel taghha ma nteressa ruhu f'xejn.

Illi min-naha tieghu l-**konvenut** beda biex jixhed u qal illi hu u Andreana kien ikollhom hafna *clashes* ma' omm il-mara tieghu. Hu qal illi Andreana qatt ma kellha post stabbli minhabba l-karattru taghha.

Illi hu kkonferma l-fatt illi Andreana kienet izzewget lilu <u>sabiex tehles mill-problemi ma' ommha</u>. Fil-fatt, il-mara

tieghu kienet tahseb illi ommha ma thobbhiex imma thobb biss lil hutha. Huwa xehed ukoll illi Andreana kienet dejjem tghidlu *“igri nizzewweg halli nitlaq mid-dar”.* Huwa ammetta illi huwa zzewweg ta’ eta’ tant zghira sforz kemm ippressatu l-mara tieghu.

Illi l-konvenut qal illi l-mara tieghu kienet mara dominanti hafna, kienet dejjem trid taghmel kollox kif trid hi. Effettivament, meta kien issuggerilha biex ma jizzewgux daqshekk malajr ghax ma kienx lest, hi kienet ipperswadietu sabiex jizzewgu. Hu enfasizza l-fatt illi huwa zzewweg sforz kemm ippressatu Andreana u mhux ghaliex kien lest li jizzewweg.

Illi x-xhud qal illi l-mara tieghu kienet persuna mmatura hafna qabel iz-zwieg tant li meta huma xtraw appartament flimkien, dawn ghamlu tliet snin jahdmu fih u b’mod arbitrarju ddecidiet li ma riditx toqghod fih u riedet tbieghu.

Illi l-konvenut xehed illi l-mara tieghu qatt ma kienet titkellem fuq l-obbligazzjonijiet jew il-hajja matrimonjali izda biss fuq il-fatt li riedet ikollha t-tfal. Hu qal illi llum-il gurnata huwa konvint illi Andreana kienet <u>izzewgitu biex titlaq mid-dar u biex ikollha t-tfal u anke biex takkwista l-affarijiet materjali li xtaqet.</u>

Illi Raymond Spiteri kien dejjem iwissi lill-mara tieghu li d-decizjonijiet kienet taghmilhom bil-ghaggla, izda din kienet twebbes rasha u mbaghad wara kienet tghidlu illi ahjar semghet minnu. Dan id-difett, skond ix-xhud, irrispekkja ruhu principarjament fid-decizjoni ta’ Andreana li tizzewweg lil Raymond ghalkemm hu kien qalilha illi ma kienx lest izda peress illi hu beza’ li jitlifha, u minhabba l-karattru dominanti taghha, hu kien jibza’ minnha u ghalhekk ceda ghall-insistenzi taghha.

Illi t-tieni xhud min-naha tal-konvenut kienet ommu Mary Spiteri li xehdet illi lil Andreana kienet ilha tafha minn mindu bdiet tohrog mat-tifel taghha u ddeskrivietha bhala mara egoista, dominanti u ghajjura fis-sens illi trid tilhaq ma’ l-affarijiet li ma setghetx tilhaq.

Illi omm il-konvenut qalet illi kienet tghid il-binha biex ma jizzewwigx malajr izda dan kien jghidilha illi kien ser ikollu jizzewweg peress illi Andreana riedet titlaq mid-dar. Ommu kienet dejjem tassigurah illi jekk ma jizzewwigx ma kienx ser jigri xejn u li hi kienet ser tappoggjah ghal kull haga li kien ser ikollu bzonn. Hi xehdet ukoll illi dejjem kienet tara illi huma ma kellhomx dik il-bazi solida ghaz-zwieg.

Illi **Mary Spiteri** ddeskriviet lit-tifel taghha bhala persuna kwieta hafna u riservat li qatt ma kien taha problemi u nfatti qalet li dak li gralu sforz il-karattru kwiet u servili li ghandu. Kienet tara li Raymond kien il-hin kollu nkwetat u sottomess hafna lejn Andreana peress illi hi kienet dominanti hafna.

Illi omm il-konvenut xehdet illi l-komportament ta' Andreana wara z-zwieg inbidel fis-sens illi kienet iggib hafna hbieb id-dar u skond hi rabbiet certa arja li qabel ma kellhiex. Hi qalet ukoll illi Andreana kellha genn biex ikollha t-tfal taghha.

Illi xhud ohra min-naha tal-konvenut kienet ta' Rosemarie Borg li tigi oht il-konvenut. Din qalet illi qabel iz-zwieg ma kenitx taf x'tip ta' relazzjoni kellhom il-partijiet. Kulma taf illi Andreana kienet sikwit tiggieled ma' ommha u li kienet tghir ghal ohtha u ghalhekk riedet tizzewweg malajr. Sahansitra, Andreana riedet tizzewweg meta l-post li kienet xtrat flimkien ma' Raymond kien gebel u saqaf, din xorta wahda riedet tizzewweg malajr. Ix-xhud ikkonfermat illi l-attrici kienet persuna dominanti u li huha kien kwiet u ta' ftit hbieb.

## <u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg** u cjoe' illi l-kunsens kien issimulat.

Illi mill-kunsens tal-provi prodotti jidher illi t-talbiet attrici jistghu jigu milqugha u dawn ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi dan l-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi testwalment illi zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan l-artikolu jitratta dwar simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali kemm dik totali, kif ukoll parzjali. Illi l-kunsens matrimonjali jkun gie ssimulat fit-totalita' tieghu meta xi parti fiz-zwieg jew anke t-tnejn ikunu eskludew iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Ikun hemm simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, jew l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi biex wiehed ikun jista' jifhem ahjar dan l-artikolu u senjatament l-aspett ta' simulazzjoni qed issir referenza ghall-kawza bl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (Cit. Nru. 171/95 VDG) fejn il-Qorti ccitat awtur Taljan bl-isem ta' ***Francesco Bersini*** fejn qal hekk:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinsico al matrimonio in modo tale da escludere con atto positivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura fomalita' vuota e senza senso, evidentemente da del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto positivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinsico, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi libidine, ecc… L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotta la pressione del timore*

*grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico …"* **Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci** (Torino), 1994, pp. 113 – 114).

Illi dan il-bran hawn fuq citat jinkwadra ruhu b'mod tajjeb mal-kaz in ezami ghaliex ***Bersini*** jispjega illi biex ikun hemm simulazzjoni taz-zwieg, irid ikun hemm motiv indipendenti mill-ghoti tal-kunsens tant li dik il-parti li tkun issimulat tali kunsens, tkun tat il-kunsens sabiex tottjeni jew tahrab minn xi haga bhal ezempji li ta l-awtur stess, li wiehed jevita mis-servizz militari jew li wiehed jottjeni xi tip ta' vantagg b'tali zwieg.

Illi ugwalment intqal fis-sentenza **"Bonnici vs Bonnici"** (deciza fit-30 ta' Lulju 1982) li *"biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-'finis operis' taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg."*

Illi issa fil-kaz odjern irrizulta b'mod car u kostanti fix-xhieda kollha prodotta, illi l-kunsens tal-mara kien simulat ghaliex il-mottiv principali ghaliex hi zzewget kien sabiex hija tehles mill-hajja turbolenti li kienet qeghda tghix fid-dar tal-familja taghha u senjatament sabiex tahrab mid-diskussjonijiet kontinwi li kien ikollha ma' ommha. Dan gie kkorroborat anke mix-xhieda tar-ragel taghha u anke minn tax-xhieda l-ohrajn kollha prodotti f'din il-kawza.

Illi fil-fatt l-attrici tispjega illi r-ragel taghha kienet tqisu biss bhala *"a shoulder to cry on"* u ma kenitx tinkwadrah bhala r-ragel li jista' jisr ir-ragel taghha. Dan jaghmel sens meta wiehed jara l-eta' taghha u cjoe' ta' hmistax-il sena meta hi ltaqghet mieghu u meta tikkorrobora dan il-fatt mas-sitwazzjoni prekarja ma' ommha. Il-pressjoni li kienet tinsab fiha dak iz-zmien l-attrici ma hallithiex tahseb b'mod car ghaliex l-uniku ghan taghha kien li ssib ragel u tizzewgu, kif fil-fatt ghamlet.

Illi jekk wiehed jara l-perjodu ezatt wara z-zwieg, hareg mix-xhieda illi l-partijiet qatt ma kienu kuntenti flimkien u dan ghaliex jekk kif qalet l-attrici stess, din qatt ma habbet lir-ragel taghha, zgur li din id-deficjenza qabel iz-zwieg ma tistax tigi ssanata b'xi mod waqt iz-zwieg. Fil-fatt, hi stess tixhed illi anke fizikament kien jimbuttaha u peress illi hija kienet dejjem tixtieq it-tfal hija kienet tippjana b'mod korrett il-mument li setghet tkun intima mar-ragel taghha sabiex ma tantx ikollha kuntatti fizici mieghu. (*vide* **"Daniela Shaw vs Josef Camilleri"** (P.A. (RCP) - 12 ta' Dicembru 2002).

Illi anke a rigward it-tfal, l-attrici xehdet illi hija kellha x-xewqa kbira li jkollha t-tfal b'mod generali u mhux li riedet ikollha t-tfal mir-ragel taghha b'mod partikolari. Dan kollu juri illi l-*consortium vitae* li tant hu mportanti ghaz-zwieg kien nieqes almenu da parti ta' l-attrici. Il-*consortium vitae* huwa maghmul minn zewg elementi, dawk ta' l-imhabba konjugali u dik tar-responsabbilta' tal-familja. Jidher illi f'dan il-kaz l-ewwel element kien nieqes. Kif inghad fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (deciza fl-14 ta' Lulju 1994) *"jekk din il-'cosortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes".*

Illi anke l-konvenut fix-xhieda tieghu qal illi huwa konvint illi l-attrici kienet izzewgitu sabiex titlaq mid-dar u sabiex tottjeni l-affarijiet materjali li dejjem kienet xtaqet.

Illi finalment, ghalkemm it-talba attrici fuq dan l-artikolu kienet li z-zwieg kien issimulat mill-konvenut u mhux mill-attrici, mill-provi prodotti u partikolarment mix-xhieda ta' l-istess attrici johrog car illi s-simulazzjoni saret mill-istess attrici u ma ntqal xejn illi jaghti wiehed x'jifhem illi l-kunsens tal-konvenut kien issimulat. Kienet l-attrici li kellha l-oneru tal-prova fuqha sabiex tipprova li zewgha kien fil-fatt li ssimula z-zwieg ta' bejniethom, pero' l-assjem tal-provi specjalment dawk ta' l-attrici jenfasizzaw il-karattru ta' l-attrici u mhux tal-konvenut.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li dan iz-zwieg huwa null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-artikolu wkoll gie pruvat u dan kontrarjament ghal dak li sostniet il-perit legali u dan peress li l-kontendenti zzewgu fl-1987 meta l-attrici kellha madwar ghoxrin (20) sena u l-konvenut kellu xi ftit snin aktar mill-attrici. Izda mix-xhieda kollha prodotti jidher car li l-ebda wahda mill-partijiet qatt ma fehmet x'kienu l-elementi essenzjali taz-zwieg bejniethom u kif din il-Qorti gja spjegat il-partijiet resqu ghal dan iz-zwieg minhabba ragunijiet diversi u zgur mhux ghaliex kienu jhobbu lil xulxin jew inkella kien hemm xi impenn bejniethom ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti gja' rajna li l-attrici zzewget lill-konvenut biss sabiex tahrab mill-problemi li hija kienet qed tara li kellha ma' ommha, u gja' nghad li vvizzjat il-kunsens taghha peress li tat il-kelma taghha li diehla ghal impenn ta' ghaqda fiz-zwieg mar-ragel taghha, meta in verita' kulma kienet qed taghmel kien biss biex tohloq sitwazzjoni fejn hija tkun tista' facilment titlaq mid-dar tal-genituri taghha u b'hekk uzat lill-konvenut ghall-konvenjenza taghha; dan kollu huwa ammess minnha.

Illi pero' mhux biss hekk izda b'dan il-mod ta' hsieb u intenzjoni tal-attrici jirrizulta wkoll li sabiex l-attrici waslet biex ghamlet dan hija necessarjament ma kinitx qed tifhem u lanqas kienet fi stat li tifhem il-kuncett ta' zwieg mal-konvenut u adirittura ma' kwalunkwe persuna, ghalkemm ghal dak li jinteressa din il-kawza, din il-Qorti hija koncernata biss fir-relazzjoni taghha mal-konvenut.

Illi in effetti jirrizulta li l-attrici wzat lill-konvenut ghall-iskopijiet taghha u l-mira taghha kienet unikament u solament din, u certament li f'dan l-egoizmu kollu, fejn l-attrici harset lejn il-konvenut biss bhala mezz sabiex tilhaq l-ghanijiet taghha, u hekk koncentrata fuq il-bzonnijiet

taghha, certament li l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tista’ taghti ghall-istat mentali, emottiv u evalwattiv taghha huwa biss li hija ma kinitx kapaci f’dak il-mument taghti kunsens validu ta’ zwieg. Dan ghaliex tant l-attrici kienet midfuna fil-problemi taghha, vera jew immaginarji, li qatt ma setghet thares u tifhem, u allura d-diskrezzjoni ta’ gudizzju necessarja sabiex tevalwa u tizen u fl-ahhar mill-ahhar taghzel sabiex tghix hajja mizzewga, konoxxenti ta’ l-elementi essenzjali taz-zwieg, mibnija dejjem fuq l-imhabba, l-impenn totali ghall-hajja ta’ familja, u fuq kollox il-lejalta’. Dan mhux biss ghal dak li jirrigwarda relazzjonijiet intimi, izda anke ta’ hsieb u mpenn, li l-attrici kellha ghal kollox mankanti lejn il-konvenut, kemm qabel u kemm wara z-zwieg, tant li f’din il-kawza l-istess attrici ma ddejqet xejn li tghid li hija qatt ma habbet lill-konvenut.

Illi dwar il-konvenut jidher car li huwa kien ghal kollox inondat bil-pressjoni li ghamlet fuqu l-attrici sabiex tizzewweg kemm jista’ jkun malajr, u jidher li kien ta’ karattru dghajjef, peress li minkejja li jghid li huwa kellu dubji kbar fuq ir-relazzjoni tieghu ma’ l-attrici, u fuq kollox ma riedx, u ma kienx jaqbel li jizzewweg lill-attrici, huwa fl-ahhar mill-ahhar ghamel dak li kien suggeriet lilu mill-attrici u dahal ghal dan iz-zwieg, biss u unikament minhabba hekk u xejn izjed. Ir-relazzjoni bejn l-istess partijiet fil-fatt tikkonferma din il-bruda li kien hemm f’din ir-relazzjoni, li dejjem kellha l-limiti taghha kemm setghet izzomm, anke peress li l-istess konvenut, bhala l-attrici, ma’ kellux nozzjoni ta’ mpenn lejn il-hajja mizzewga, u wisq anqas kellu xi mpenn lejn l-attrici. Huwa wkoll fil-fatt jghid li ma kienx ihobb lill-attrici, u jistqarr li nduna li l-attrici ma kinitx thobbu. La huwa hekk, u dan kull parti tafu, u sqarritu apertament wara z-zwieg, izda mhux qabel iz-zwieg, din il-Qorti ma tistax tghid li l-kunsens tal-konvenut kien validu, ghaliex anke fi zwieg civili huwa proprju dan l-element ta’ mhabba li jwassal ghall-kuncett uniku ta’ *consortium vitae* li huwa t-*trade mark* taz-zwieg. Dan l-ispirtu ta’ mpenn kien ghal kollox mankanti wkoll mill-konvenut, tant li jista’ jinghad li l-konvenut ukoll kien affett minn difett ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga *stante* li fil-mument tal-kunsens tieghu huwa ma kienx f’pozizzjoni li jifhem il-kuncett taz-zwieg, l-elementi

kostitwivi tieghu u l-obbligi u d-drittijiet naxxenti mill-istess. Ghalhekk anke taht dan l-aspett il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti tiddeciedi li z-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Settembru 1987 huwa null u bla effett fil-ligi, u dana fid-dawl ta' dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975**, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Settembru 1987 null u bla effett fil-Ligi u dan a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq espost.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------